**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2023/0441(CNS)**

15.6.2026

# EMENDI
# 29 - 77

**Abbozz ta' rapport**
**Lena Düpont**
(PE789.005v01-00)

Miżuri biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi

Proposta għal direttiva
(05760/2026 – 2023/0441(CNS))

**Emenda 29**
**Marina Kaljurand, Matjaž Nemec, Birgit Sippel**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġi estiż ukoll lil hinn miċ-ċittadini tal-Unjoni. F'dan is-sens, ir-refuġjati rikonoxxuti u persuni oħra li jirrisjedu b'mod legali fi Stat Membru u jkunu detenturi ta' dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn tali Stat Membru, jenħtieġ li jkunu intitolati għall-protezzjoni konsulari, bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini mhux rappreżentati.*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/637 jiġi estiż u jkopri wkoll kwalunkwe persuna li tirrisjedi legalment fi Stat Membru u li tkun detentur ta' dokument tal-ivvjaġġar validu maħruġ minn dak l-Istat Membru li ma tkunx rappreżentata f'pajjiż terz.*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kriżijiet li jirriżultaw f'talbiet għall-protezzjoni konsulari minn ċittadini mhux rappreżentati qegħdin jiżdiedu fl-għadd u fl-iskala tagħhom. B'riżultat tat-tagħlimiet minn dawk l-esperjenzi, u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għaċ-ċittadini mhux rappreżentati u għall-awtoritajiet konsulari, ir-regoli u l-proċeduri tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu aġġornati u ssimplifikati sabiex tittejjeb l-effettività tal-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Jenħtieġ li ***jsir l-aħjar użu mir-riżorsi*** disponibbli fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni, kemm lokalment f'pajjiżi terzi kif ukoll fil-livell kapitali. | (2) Il-kriżijiet li jirriżultaw f'talbiet għall-protezzjoni konsulari minn ċittadini mhux rappreżentati qegħdin jiżdiedu fl-għadd u fl-iskala tagħhom. B'riżultat tat-tagħlimiet minn dawk l-esperjenzi, u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għaċ-ċittadini mhux rappreżentati u għall-awtoritajiet konsulari, ir-regoli u l-proċeduri tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu aġġornati u ssimplifikati sabiex tittejjeb l-effettività tal-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Jenħtieġ li ***r-riżorsi*** disponibbli fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni ***jintużaw b'mod kosteffettiv, u bl-aħjar mod***, kemm lokalment f'pajjiżi terzi kif ukoll fil-livell kapitali. |

Or. fi

**Emenda 32**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2 a) Meta jipprovdu protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu approċċ intersezzjonali għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi vulnerabbli, bħall-minorenni mhux akkumpanjati, in-nisa tqal, il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, il-persuni b'diżabilità, il-persuni LGBTIQ+, il-migranti jew l-individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta u l-ġurisprudenza, il-persunal lokali ta' missjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Meta sitwazzjoni ta' kriżi tirriżulta f'għadd kbir ta' talbiet għall-protezzjoni konsulari, l-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Membri rappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jaqblu li jqassmu t-talbiet abbażi tal-kapaċità disponibbli bil-għan li jsir l-aħjar użu minnha. Għal dak il-għan, dawn jistgħu jiġu assistiti mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni. | (4) Meta sitwazzjoni ta’ kriżi tirriżulta f’għadd kbir ta’ talbiet għall-protezzjoni konsulari, l-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Membri rappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jaqblu li jqassmu t-talbiet abbażi tal-kapaċità disponibbli bil-għan li jsir l-aħjar użu minnha***, u b’mod kosteffettiv***. Għal dak il-għan, dawn jistgħu jiġu assistiti mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni. |

Or. fi

**Emenda 34**
**Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-esperjenza tal-passat uriet il-kontribut importanti tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għall-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE. Dan kien il-każ b'mod partikolari f'pajjiżi terzi fejn ftit Stati Membri huma rrappreżentati, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni. F'dan l-isfond, huwa xieraq li jiġi ċċarat ir-rwol ta' appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari. Għal raġunijiet ta' | (6) L-esperjenza tal-passat uriet il-kontribut importanti tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għall-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE. Dan kien il-każ b’mod partikolari f’pajjiżi terzi fejn ftit Stati Membri huma rrappreżentati, f’sitwazzjonijiet ta’ kriżi, u fir-rigward tal-iskambju ta’ informazzjoni. F’dan l-isfond, huwa xieraq li jiġi ċċarat ir-rwol ta’ appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari. Għal raġunijiet ta’ |

konsistenza u kontinwità tal-operat ***u*** sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor lokalment, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jippresjedu laqgħat ta' kooperazzjoni konsulari lokali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn ikun rappreżentat, u jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta' oqfsa konġunti tal-UE ta' tħejjija konsulari għall-kriżijiet. Sabiex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-protezzjoni effettiva taċ-ċittadini mhux rappreżentati, jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jieħdu sehem ukoll fil-koordinazzjoni tar-rispons għall-kriżijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

konsistenza u kontinwità tal-operat***, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenza primarja u l-kmand operazzjonali tal-Istati Membri fi kwistjonijiet konsulari, il-laqgħat ta' kooperazzjoni konsulari lokali jenħtieġ li jkunu ppreseduti minn rappreżentant ta' Stat Membru. Jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jippresjedu biss tali laqgħat jekk ikunu espliċitament mitluba u maqbula mill-Istati Membri preżenti lokalment.*** Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor lokalment, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jippresjedu laqgħat ta' kooperazzjoni konsulari lokali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn ikun rappreżentat, u jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta' oqfsa konġunti tal-UE ta' tħejjija konsulari għall-kriżijiet. Sabiex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-protezzjoni effettiva taċ-ċittadini mhux rappreżentati, jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jieħdu sehem ukoll fil-koordinazzjoni tar-rispons għall-kriżijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

Or. en

**Emenda 35**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-esperjenza tal-passat uriet ***il-kontribut importanti tad-delegazzjonijiet*** tal-Unjoni***, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati*** Membri***,*** għall-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE. Dan kien il-każ b'mod partikolari f'pajjiżi terzi fejn ftit Stati Membri huma rrappreżentati, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni. F'dan l-isfond, | (6) L-esperjenza tal-passat uriet ***li l-appoġġ li d-delegazzjonijiet*** tal-Unjoni ***jipprovdu lill-Istati*** Membri ***huwa kontribut importanti*** għall-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE. Dan kien il-każ b'mod partikolari f'pajjiżi terzi fejn ftit Stati Membri huma rrappreżentati, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u fir-rigward tal- |

huwa xieraq li jiġi ċċarat ir-rwol ta' appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari. Għal raġunijiet ta' konsistenza u kontinwità tal-operat u sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor lokalment, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jippresjedu laqgħat ta' kooperazzjoni konsulari lokali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn ikun rappreżentat, u jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta' oqfsa konġunti tal-UE ta' ħejjija konsulari għall-kriżijiet. Sabiex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-protezzjoni effettiva taċ-ċittadini mhux rappreżentati, jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jieħdu sehem ukoll fil-koordinazzjoni tar-rispons għall-kriżijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

iskambju ta' informazzjoni. F'dan l-isfond, huwa xieraq li jiġi ċċarat ir-rwol ta' appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni konsulari. Għal raġunijiet ta' konsistenza u kontinwità tal-operat u sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor lokalment, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jippresjedu laqgħat ta' kooperazzjoni konsulari lokali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn ikun rappreżentat, u jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta' oqfsa konġunti tal-UE ta' ħejjija konsulari għall-kriżijiet. Sabiex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-protezzjoni effettiva taċ-ċittadini mhux rappreżentati, jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jieħdu sehem ukoll fil-koordinazzjoni tar-rispons għall-kriżijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

Or. fi

**Emenda 36**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-Direttiva (UE) 2015/637 tistabbilixxi mezzi prattiċi li permezz tagħhom id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jistgħu, skont l-Artikolu 35 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dritt ta' protezzjoni konsulari. Meta jappoġġaw lill-Istati Membri fl-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jagħmlu dan fuq talba mill-Istati Membri li jassistu u f'isimhom, u fuq bażi newtrali fir-rigward tar-riżorsi, kif previst fl-Artikolu 5(10) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill | (7) Id-Direttiva (UE) 2015/637 tistabbilixxi mezzi prattiċi li permezz tagħhom id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jistgħu, skont l-Artikolu 35 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dritt ta' protezzjoni konsulari. Meta jappoġġaw lill-Istati Membri fl-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jagħmlu dan fuq talba mill-Istati Membri li jassistu u f'isimhom, u fuq bażi newtrali fir-rigward tar-riżorsi, kif previst fl-Artikolu 5(10) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |

2010/427/UE. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri li jassistu jkunu jistgħu jitolbu wkoll lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jassistu fit-twettiq ta' kompiti speċifiċi ta' assistenza konsulari, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/637, filwaqt li jinfurmaw lill-Istat Membru tan-nazzjonalità fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2015/637, inkluż dwar il-kostijiet possibbli li jirriżultaw minn dan l-appoġġ. Sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' appoġġ tagħhom, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jingħataw l-informazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru li jassisti jew, skont il-każ, l-Istat Membru tan-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-appoġġ mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw l-ambitu tal-applikazzjoni tal-protezzjoni li ***għandha*** tingħata lin-nazzjonali tagħhom stess.

2010/427/UE. F’dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri li jassistu jkunu jistgħu jitolbu wkoll lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jassistu fit-twettiq ta’ kompiti speċifiċi ta’ assistenza konsulari, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/637, filwaqt li jinfurmaw lill-Istat Membru tan-nazzjonalità fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2015/637, inkluż dwar il-kostijiet possibbli li jirriżultaw minn dan l-appoġġ. Sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta’ appoġġ tagħhom, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jingħataw l-informazzjoni rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru li jassisti jew, skont il-każ, l-Istat Membru tan-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-appoġġ mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw l-ambitu tal-applikazzjoni tal-protezzjoni ***b’obbligu*** li tingħata lin-nazzjonali tagħhom stess. ***Jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni ma jiħdux deċiżjonijiet dwar l-għoti, ir-rifjut jew l-ambitu tal-protezzjoni konsulari, li jenħtieġ li jibqgħu r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta ttejjeb iċ-ċertezza legali billi tiddistingwi b’mod ċar l-appoġġ operazzjonali mill-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Il-premessa bħalissa ma fiha l-ebda salvagwardja espliċita li tipprevjeni interpretazzjonijiet diverġenti rigward l-ambitu tal-involviment tad-Delegazzjoni tal-UE.*

**Emenda 37**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***Sabiex*** tiġi żgurata l-effettività tad- | (8) ***Iċ-ċittadini tal-Unjoni jenħtieġ li*** |

dritt ***għall-protezzjoni konsulari stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE, u b'mod partikolari biex tiġi żgurata t-tħejjija rigward kriżijiet konsulari possibbli li jirrikjedu l-għoti ta' assistenza liċ-ċittadini*** mhux rappreżentati***, il-kooperazzjoni konsulari lokali fost l-Istati Membri f'pajjiżi terzi, appoġġata mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li tinkludi skambji dwar kwistjonijiet rilevanti għal dawn*** iċ-ċittadini***, inkluż l-istabbiliment ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti u l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji konsulari. F'dan il-kuntest, jista' jkun partikolarment rilevanti li l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri*** mhux rappreżentati ***jiġu inklużi f'din il-kooperazzjoni konsulari lokali meta jkunu qed jiġu kkoordinati t-tħejjija u r-rispons konsulari għall-kriżijiet. Dawn l-iskambji jistgħu jsiru fil-kuntest ta' strutturi ta' kooperazzjoni konsulari lokali eżistenti flimkien ma' skambji bejn l-Istati*** Membri***, fl-eżerċizzju tal-kompetenza*** tagħhom***, dwar kwistjonijiet konsulari jew lokali oħra***.

***jkunu meqjusa bħala mhux rappreżentati f'pajjiż terz jekk l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom ma jkollux ambaxxata, konsulat jew konslu onorarju stabbilit hemmhekk. Jenħtieġ li ċ-ċittadini jkunu wkoll meqjusa bħala mhux rappreżentati jekk l-ambaxxata, il-konsulat jew il-konslu onorarju stabbilit lokalment ma jkunx jista', għal kwalunkwe raġuni, jipprovdi, f'każ partikolari, il-protezzjoni li l-persuna kkonċernata tkun, f'każijiet oħrajn, intitolata li tirċievi skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali. L-ambaxxati u l-konsulati jenħtieġ li jinfurmaw lil xulxin dwar kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali li tista' taffettwa temporanjament il-kapaċità tagħhom li jipprovdu protezzjoni konsulari. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll l-aċċessibbiltà u l-prossimità. Pereżempju, ċittadin li jfittex protezzjoni konsulari jew għajnuna mill-ambaxxata jew mill-konsulat ta' Stat Membru ieħor jenħtieġ li ma jiġix ridirett lejn l-ambaxxata, il-konsulat jew il-konslu onorarju tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu meta, minħabba ċirkostanzi lokali jew nuqqas ta' riżorsi, ma jkunx possibbli għaċ-ċittadin li jilħaq jirċievi l-protezzjoni konsulari jew li jiġi kkuntattjat b'mod sikur minn dawk l-entitajiet biex jirċievi tali protezzjoni. Il-kunċett ta' nuqqas ta' rappreżentanza jenħtieġ li jiġi interpretat bil-ħsieb li*** tiġi żgurata l-effettività tad-dritt ***taċ-ċittadini*** mhux rappreżentati ***li jiġu protetti minn ambaxxata jew konsulat ta' Stat Membru ieħor b'mod nondiskriminatorju, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari.*** Iċ-ċittadini ***li għandhom in-nazzjonalità ta' aktar minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jitqiesu*** mhux rappreżentati ***jekk l-ebda wieħed mill-Istati*** Membri ***tan-nazzjonalità*** tagħhom ***ma jkun rappreżentat fil-pajjiż terz ikkonċernat***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The amendment aims to provide greater legal certainty regarding the interpretation of the notion "effectively in a position to provide consular protection" in Article 6. It does not introduce new rights or obligations but reflects criteria already referred to in the recital (8) of the Directive, notably accessibility, proximity, safety and the ability of the citizen to receive assistance within a reasonable period of time. The amendment seeks to promote a more consistent application of the Directive across Member States while preserving the necessary flexibility to assess the circumstances of each individual case.*

**Emenda 38**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) It-tħejjija konsulari għall-kriżijiet hija rekwiżit essenzjali biex jiġi żgurat rispons effettiv konsulari għall-kriżijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri, appoġġati mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), jiżguraw li jiġu diskussi u implimentati miżuri ta' tħejjija konsulari li huma meħtieġa għall-protezzjoni taċ-ċittadini mhux rappreżentati. | (9) It-tħejjija konsulari għall-kriżijiet hija rekwiżit essenzjali biex jiġi żgurat rispons effettiv konsulari għall-kriżijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri, appoġġati mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), jiżguraw li jiġu diskussi u implimentati ***b'mod kosteffettiv*** miżuri ta' tħejjija konsulari li huma meħtieġa għall-protezzjoni taċ-ċittadini mhux rappreżentati. |

Or. fi

**Emenda 39**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Kriżijiet tal-passat urew ir-rilevanza tal-ippjanar ta' kontinġenza u l-utilità ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti, magħrufa wkoll bħala "Oqfsa Konġunti tal-UE għat-Tħejjija Konsulari għall-Kriżijiet", f'pajjiżi terzi, li jinvolvu l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari tal-Istati Membri kollha, kif | (10) Kriżijiet tal-passat urew ir-rilevanza tal-ippjanar ta' kontinġenza u l-utilità ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti, magħrufa wkoll bħala "Oqfsa Konġunti tal-UE għat-Tħejjija Konsulari għall-Kriżijiet", f'pajjiżi terzi, li jinvolvu l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari tal-Istati Membri kollha, kif |

| | |
|---|---|
| ukoll tad-delegazzjoni lokali tal-Unjoni. Dawn l-oqfsa jenħtieġ li jitfasslu skont iċ-ċirkostanzi lokali, u jistgħu jistabbilixxu diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri rappreżentati u dawk mhux rappreżentati u d-delegazzjoni tal-Unjoni u jinkludu sett ta' proċeduri u attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-livell lokali f'każ ta' kriżi li teħtieġ protezzjoni konsulari taċ-ċittadini mhux rappreżentati. | ukoll tad-delegazzjoni lokali tal-Unjoni. Dawn l-oqfsa jenħtieġ li jitfasslu skont iċ-ċirkostanzi lokali, u jistgħu jistabbilixxu diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri rappreżentati u dawk mhux rappreżentati u d-delegazzjoni tal-Unjoni u jinkludu sett ta’ proċeduri u attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-livell lokali f’każ ta’ kriżi li teħtieġ protezzjoni konsulari taċ-ċittadini mhux rappreżentati. ***Tali oqfsa jenħtieġ li jikkomplementaw u jenħtieġ li ma jissostitwux l-arranġamenti nazzjonali ta’ tħejjija u rispons għall-kriżijiet stabbiliti mill-Istati Membri.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tiċċara r-relazzjoni bejn il-mekkaniżmi ta’ koordinazzjoni fil-livell tal-UE u s-sistemi ta’ tħejjija nazzjonali u tevita d-duplikazzjoni tal-istrutturi.*

**Emenda 40**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-effettività tal-miżuri ta' koordinazzjoni eżistenti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li tissaħħaħ billi t-tħejjija tal-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ssir obbligatorja, anke jekk il-livell ta' dettall tagħhom jista' jvarja skont iċ-ċirkostanzi lokali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-aktar elementi importanti ta' oqfsa bħal dawn. Dawn jistgħu jinkludu analiżi tas-sitwazzjoni konsulari fil-pajjiż terz ikkonċernat, inkluż ħarsa ġenerali lejn l-ambaxxati jew il-konsulati tal-Istati Membri, stima tal-għadd ta' ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati u fejn jinsabu, u valutazzjoni tar-riskju tal-aktar xenarji plawżibbli, arranġamenti għat-tħejjija konsulari għall-kriżijiet, inkluż kanali ta' | (11) L-effettività tal-miżuri ta’ koordinazzjoni eżistenti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li tissaħħaħ billi t-tħejjija tal-oqfsa ta’ kontinġenza konsulari konġunti ssir obbligatorja, anke jekk il-livell ta’ dettall tagħhom jista’ jvarja skont iċ-ċirkostanzi lokali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-aktar elementi importanti ta’ oqfsa bħal dawn. Dawn jistgħu jinkludu analiżi tas-sitwazzjoni konsulari fil-pajjiż terz ikkonċernat, inkluż ħarsa ġenerali lejn l-ambaxxati jew il-konsulati tal-Istati Membri, stima tal-għadd ta’ ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati u fejn jinsabu, u valutazzjoni tar-riskju tal-aktar xenarji plawżibbli, arranġamenti għat-tħejjija konsulari għall-kriżijiet, inkluż kanali ta’ |

komunikazzjoni u kuntatti rilevanti, kif ukoll arranġamenti ta' rispons għall-kriżijiet, inkluż proċessi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u ta' komunikazzjoni fi ħdan il-kooperazzjoni konsulari lokali u maċ-ċittadini tal-Unjoni u arranġamenti ta' kooperazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li dan ma jinftiehemx bħala li jipprevieni lill-Istati Membri milli jinkludu, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom, informazzjoni rilevanti oħra, pereżempju dwar iċ-ċittadini rappreżentati. F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, spiss ma jkunx possibbli, għal ħafna raġunijiet prattiċi, li ssir distinzjoni ċara bejn iċ-ċittadini mhux rappreżentati u dawk rappreżentati.

komunikazzjoni u kuntatti rilevanti, kif ukoll arranġamenti ta’ rispons għall-kriżijiet, inkluż proċessi ta’ kondiviżjoni tal-informazzjoni u ta’ komunikazzjoni fi ħdan il-kooperazzjoni konsulari lokali u maċ-ċittadini tal-Unjoni u arranġamenti ta’ kooperazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li dan ma jinftiehemx bħala li jipprevieni lill-Istati Membri milli jinkludu, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom, informazzjoni rilevanti oħra, pereżempju dwar iċ-ċittadini rappreżentati. F’sitwazzjonijiet ta’ kriżi, spiss ma jkunx possibbli, għal ħafna raġunijiet prattiċi, li ssir distinzjoni ċara bejn iċ-ċittadini mhux rappreżentati u dawk rappreżentati. ***Il-kontenut, il-livell ta’ dettall u l-arranġamenti operazzjonali ta’ tali oqfsa jenħtieġ li jkunu proporzjonati għaċ-ċirkostanzi lokali, ir-riskji identifikati u l-livell ta’ rappreżentanza tal-Istati Membri fil-pajjiż terz ikkonċernat.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tirrifletti l-prinċipju tal-proporzjonalità u tgħin biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn f’postijiet fejn ir-riskji konsulari huma limitati.*

**Emenda 41**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-effettività tal-miżuri ta' koordinazzjoni eżistenti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li tissaħħaħ billi t-tħejjija tal-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ssir obbligatorja, anke jekk il-livell ta' dettall tagħhom jista' jvarja skont iċ-ċirkostanzi lokali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-aktar elementi importanti ta' oqfsa bħal dawn. Dawn jistgħu jinkludu | (11) L-effettività tal-miżuri ta’ koordinazzjoni eżistenti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li tissaħħaħ billi t-tħejjija tal-oqfsa ta’ kontinġenza konsulari konġunti ssir obbligatorja, anke jekk il-livell ta’ dettall tagħhom jista’ jvarja skont iċ-ċirkostanzi lokali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-aktar elementi importanti ta’ oqfsa bħal dawn ***abbażi tal-ħtiġijiet ta’*** |

analiżi tas-sitwazzjoni konsulari fil-pajjiż terz ikkonċernat, inkluż ħarsa ġenerali lejn l-ambaxxati jew il-konsulati tal-Istati Membri, stima tal-għadd ta' ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati u fejn jinsabu, u valutazzjoni tar-riskju tal-aktar xenarji plawżibbli, arranġamenti għat-tħejjija konsulari għall-kriżijiet, inkluż kanali ta' komunikazzjoni u kuntatti rilevanti, kif ukoll arranġamenti ta' rispons għall-kriżijiet, inkluż proċessi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u ta' komunikazzjoni fi ħdan il-kooperazzjoni konsulari lokali u maċ-ċittadini tal-Unjoni u arranġamenti ta' kooperazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li dan ma jinftiehemx bħala li jipprevieni lill-Istati Membri milli jinkludu, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom, informazzjoni rilevanti oħra, pereżempju dwar iċ-ċittadini rappreżentati. F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, spiss ma jkunx possibbli, għal ħafna raġunijiet prattiċi, li ssir distinzjoni ċara bejn iċ-ċittadini mhux rappreżentati u dawk rappreżentati.

***kull Stat Membru***. Dawn jistgħu jinkludu analiżi tas-sitwazzjoni konsulari fil-pajjiż terz ikkonċernat, inkluż ħarsa ġenerali lejn l-ambaxxati jew il-konsulati tal-Istati Membri, stima tal-għadd ta’ ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati u fejn jinsabu, u valutazzjoni tar-riskju tal-aktar xenarji plawżibbli, arranġamenti għat-tħejjija konsulari għall-kriżijiet, inkluż kanali ta’ komunikazzjoni u kuntatti rilevanti, kif ukoll arranġamenti ta’ rispons għall-kriżijiet, inkluż proċessi ta’ kondiviżjoni tal-informazzjoni u ta’ komunikazzjoni fi ħdan il-kooperazzjoni konsulari lokali u maċ-ċittadini tal-Unjoni u arranġamenti ta’ kooperazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li dan ma jinftiehemx bħala li jipprevieni lill-Istati Membri milli jinkludu, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom, informazzjoni rilevanti oħra, pereżempju dwar iċ-ċittadini rappreżentati. F’sitwazzjonijiet ta’ kriżi, spiss ma jkunx possibbli, għal ħafna raġunijiet prattiċi, li ssir distinzjoni ċara bejn iċ-ċittadini mhux rappreżentati u dawk rappreżentati.

Or. fi

**Emenda 42**
**Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jiġu rieżaminati regolarment, u aġġornati jekk ikun meħtieġ, b'mod partikolari abbażi tas-sejbiet tal-eżerċizzji konsulari. L-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jista' jkun fihom ukoll arranġamenti speċifiċi relatati mar-rwoli tal-Istati Membri, bħad-deċiżjoni ta' grupp ta' Stati Membri li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' tħejjija jew rispons għall-kriżijiet | (12) Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jenħtieġ li l-oqfsa ta’ kontinġenza konsulari konġunti jiġu rieżaminati regolarment, u aġġornati jekk ikun meħtieġ, b’mod partikolari abbażi tas-sejbiet tal-eżerċizzji konsulari***. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn, l-istabbiliment u l-aġġornament ta’ tali oqfsa jenħtieġ li jkunu proporzjonati għal-livell ta’ riskju speċifiku tal-pajjiż terz ikkonċernat***. L-oqfsa ta’ kontinġenza konsulari konġunti jista’ jkun fihom ukoll |

| | |
|---|---|
| biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-assistenza konsulari. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ***ma jinftiehmux li qed jissostitwixxu l-pjanijiet*** nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet ***jew*** li qed jaffettwaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari lin-nazzjonali tagħhom stess. | arranġamenti speċifiċi relatati mar-rwoli tal-Istati Membri, bħad-deċiżjoni ta' grupp ta' Stati Membri li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' tħejjija jew rispons għall-kriżijiet biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-assistenza konsulari. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ***jkunu strettament supplimentari għall-pjanijiet*** nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet***, u jenħtieġ li ma jinftiehmux*** li qed ***jissostitwixxuhom jew jinterferixxu magħhom, jew*** jaffettwaw ir-responsabbiltà ***sovrana*** tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari lin-nazzjonali tagħhom stess. |
| | Or. en |

**Emenda 43**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jiġu rieżaminati regolarment, u aġġornati jekk ikun meħtieġ, b'mod partikolari abbażi tas-sejbiet tal-eżerċizzji konsulari. L-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jista' jkun fihom ukoll arranġamenti speċifiċi relatati mar-rwoli tal-Istati Membri, bħad-deċiżjoni ta' grupp ta' Stati Membri li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' tħejjija jew rispons għall-kriżijiet biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-assistenza konsulari. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ma ***jinftiehmux li qed jissostitwixxu l-pjanijiet*** nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet jew ***li qed*** jaffettwaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari | (12) Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jiġu rieżaminati regolarment, u aġġornati jekk ikun meħtieġ, b'mod partikolari abbażi tas-sejbiet tal-eżerċizzji konsulari. L-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jista' jkun fihom ukoll arranġamenti speċifiċi relatati mar-rwoli tal-Istati Membri, bħad-deċiżjoni ta' grupp ta' Stati Membri li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' tħejjija jew rispons għall-kriżijiet biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-assistenza konsulari. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ma ***jissostitwux il-pjanijiet*** nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet jew jaffettwaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari lin-nazzjonali tagħhom |

| | |
|---|---|
| lin-nazzjonali tagħhom stess. | stess. |

Or. fi

**Emenda 44**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-pariri dwar l-ivvjaġġar, jiġifieri, l-informazzjoni maħruġa mill-Istati Membri dwar is-sikurezza relattiva tal-ivvjaġġar lejn pajjiżi terzi speċifiċi, jippermettu lill-vjaġġaturi jieħdu deċiżjoni infurmata dwar destinazzjoni partikolari tal-ivvjaġġar, inkluż pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom ma jkunx rappreżentat. Filwaqt li l-ħruġ ta' pariri dwar l-ivvjaġġar huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri, huwa utli li dawn jiskambjaw informazzjoni dwar dak is-suġġett, b'mod partikolari fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, biex itejbu l-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini mhux rappreżentati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li s-SEAE jappoġġa l-iskambji ta' din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tas-sit tal-internet sigur tiegħu (Consular OnLine, jew "CoOL"). Dawn l-iskambji jistgħu jkunu bbażati fuq struttura komuni tal-livelli ta' riskju indikati fil-pariri dwar l-ivvjaġġar. | (13) Il-pariri dwar l-ivvjaġġar, jiġifieri, l-informazzjoni maħruġa mill-Istati Membri dwar is-sikurezza relattiva tal-ivvjaġġar lejn pajjiżi terzi speċifiċi, jippermettu lill-vjaġġaturi jieħdu deċiżjoni infurmata dwar destinazzjoni partikolari tal-ivvjaġġar, inkluż pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom ma jkunx rappreżentat. Filwaqt li l-ħruġ ta’ pariri dwar l-ivvjaġġar huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri, huwa utli li dawn jiskambjaw informazzjoni dwar dak is-suġġett, b’mod partikolari fil-kuntest ta’ sitwazzjonijiet ta’ kriżi, biex itejbu l-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini mhux rappreżentati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li s-SEAE jappoġġa l-iskambji ta’ din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri, b’mod partikolari permezz tas-sit tal-internet sigur tiegħu (Consular OnLine, jew “CoOL”). Dawn l-iskambji jistgħu jkunu bbażati fuq struttura komuni tal-livelli ta’ riskju indikati fil-pariri dwar l-ivvjaġġar***, filwaqt li jitqies l-approċċ ta’ kull Stat Membru***. |

Or. fi

**Emenda 45**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-koordinazzjoni effiċjenti hija vitali biex jiġi żgurat rispons effettiv għall-kriżijiet. Sabiex tiġi żgurata din il-koordinazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li, meta ***jkun utli***, jiġu appoġġati miċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tal-Kummissjoni. Ir-rispons koordinat tal-Unjoni għall-kriżijiet huwa partikolarment importanti biex jiġi żgurat li l-appoġġ disponibbli jiġi pprovdut b'mod effiċjenti, u li jsir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kapaċità ta' evakwazzjoni disponibbli tiġi kondiviża fil-ħin, sakemm ma tkunx ipprevenuta minn restrizzjonijiet ta' sigurtà. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jorganizzawx evakwazzjonijiet u ripatrijazzjonijiet jew le. | (14) Il-koordinazzjoni effiċjenti hija vitali biex jiġi żgurat rispons effettiv għall-kriżijiet. Sabiex tiġi żgurata din il-koordinazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li, meta ***meħtieġ***, jiġu appoġġati miċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tal-Kummissjoni. Ir-rispons koordinat tal-Unjoni għall-kriżijiet huwa partikolarment importanti biex jiġi żgurat li l-appoġġ disponibbli jiġi pprovdut b'mod effiċjenti, u li jsir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kapaċità ta' evakwazzjoni disponibbli tiġi kondiviża fil-ħin, sakemm ma tkunx ipprevenuta minn restrizzjonijiet ta' sigurtà. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jorganizzawx evakwazzjonijiet u ripatrijazzjonijiet jew le. |

Or. fi

**Emenda 46**
**Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-timijiet konsulari konġunti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' ***parteċipazzjoni volontarja,*** solidarjetà mal-Istati Membri rappreżentati, ugwaljanza fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar strutturi ta' ħidma interni, sempliċità fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-timijiet, kondiviżjoni tal-kostijiet – b'kull Stat Membru, istituzzjoni jew korp tal-Unjoni ***jkollu*** l-kostijiet operazzjonali ***tiegħu*** stess – flessibbiltà, viżibbiltà tar-rispons koordinat tal-Unjoni u ftuħ għall-pajjiżi terzi | (16) It-timijiet konsulari konġunti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' solidarjetà mal-Istati Membri rappreżentati, ugwaljanza fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar strutturi ta' ħidma interni, sempliċità fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-timijiet, kondiviżjoni tal-kostijiet – b'kull Stat Membru, istituzzjoni jew korp tal-Unjoni ***jġarrbu*** l-kostijiet operazzjonali ***tagħhom*** stess – flessibbiltà, viżibbiltà tar-rispons koordinat tal-Unjoni u ftuħ għall-pajjiżi terzi rilevanti. Dawn il-prinċipji u temi |

| | |
|---|---|
| rilevanti. Dawn il-prinċipji u temi bħat-taħriġ, l-attivitajiet preparatorji għall-iskjerament, l-iskjerament innifsu, il-proċeduri ta' segwitu, il-loġistika u l-kwistjonijiet finanzjarji, jistgħu jiġu elaborati aktar f'linji gwida mhux vinkolanti. Jenħtieġ li t-timijiet konsulari konġunti ma jaffettwawx l-operazzjonijiet konsulari mmexxija mill-Istati Membri u l-kompetenza tagħhom li jiskjeraw timijiet konsulari nazzjonali. | bħat-taħriġ, l-attivitajiet preparatorji għall-iskjerament, l-iskjerament innifsu, il-proċeduri ta' segwitu, il-loġistika u l-kwistjonijiet finanzjarji, jistgħu jiġu elaborati aktar f'linji gwida mhux vinkolanti. Jenħtieġ li t-timijiet konsulari konġunti ma jaffettwawx l-operazzjonijiet konsulari mmexxija mill-Istati Membri u l-kompetenza tagħhom li jiskjeraw timijiet konsulari nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 47**
**Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Sabiex jingħata appoġġ ***lil ċittadini*** tal-Unjoni fil-bżonn, huwa importanti li dawn jingħataw informazzjoni affidabbli dwar kif jagħmlu użu mill-għajnuna konsulari f'pajjiżi terzi. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jenħtieġ li jikkontribwixxu għal dak l-objettiv billi jxerrdu informazzjoni rilevanti, inkluż informazzjoni li ***għandha*** tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar in-networks konsulari tagħhom. | (18) Sabiex jingħata appoġġ ***liċ-ċittadini*** tal-Unjoni fil-bżonn, huwa importanti li dawn jingħataw informazzjoni affidabbli dwar kif jagħmlu użu mill-għajnuna konsulari f'pajjiżi terzi. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jenħtieġ li jikkontribwixxu għal dak l-objettiv billi jxerrdu informazzjoni rilevanti, inkluż informazzjoni ***b'obbligu*** li tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar in-networks konsulari tagħhom. ***Madankollu, biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi sproporzjonati fuq l-Istati Membri, għalhekk, jenħtieġ li l-obbligi ta' rapportar imposti fuq l-Istati Membri jkunu limitati fil-frekwenza għal mhux aktar minn darba fis-sena.*** |

Or. en

**Emenda 48**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jikkontribwixxu aktar għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi ***ta' persuni*** b'diżabilità. Dan jista' jinkludi, pereżempju, ir-riproduzzjoni tal-formulazzjoni tal-Artikolu 23 TFUE fil-passaporti maħruġa mill-Istati Membri kif diġà rrakkomandat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C (2007) 5841[3], inkluż informazzjoni rilevanti f'pariri dwar l-ivvjaġġar u kampanji relatati mal-assistenza konsulari, jew l-inkoraġġiment lill-fornituri tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u liċ-ċentri tat-trasport li joffru vvjaġġar lejn pajjiżi terzi biex iżidu d-dettalji rilevanti mal-materjal ta' informazzjoni disponibbli għall-klijenti. | (19) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jikkontribwixxu aktar għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi ***tal-persuni*** b'diżabilità***, tal-minorenni mhux akkumpanjati, tan-nisa tqal, tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, jew tal-individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta***. Dan jista' jinkludi, pereżempju, ir-riproduzzjoni tal-formulazzjoni tal-Artikolu 23 TFUE fil-passaporti maħruġa mill-Istati Membri kif diġà rrakkomandat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C (2007) 5841[3], inkluż informazzjoni rilevanti f'pariri dwar l-ivvjaġġar u kampanji relatati mal-assistenza konsulari, jew l-inkoraġġiment lill-fornituri tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u liċ-ċentri tat-trasport li joffru vvjaġġar lejn pajjiżi terzi biex iżidu d-dettalji rilevanti mal-materjal ta' informazzjoni disponibbli għall-klijenti. |
| [3] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-riproduzzjoni tat-test tal-Artikolu 20 TKE fil-passaporti (ĠU L 118, 6.5.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2008/355/oj). | [3] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-riproduzzjoni tat-test tal-Artikolu 20 TKE fil-passaporti (ĠU L 118, 6.5.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2008/355/oj). |

Or. en

**Emenda 49**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu ***miżuri*** xierqa biex jikkontribwixxu aktar għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi ***ta' persuni*** b'diżabilità. Dan jista' jinkludi, pereżempju, ir-riproduzzjoni tal-formulazzjoni tal-Artikolu 23 TFUE fil-passaporti maħruġa mill-Istati Membri kif diġà rrakkomandat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C (2007) 5841[3], inkluż informazzjoni rilevanti f'pariri dwar l-ivvjaġġar u kampanji relatati mal-assistenza konsulari, jew l-inkoraġġiment lill-fornituri tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u liċ-ċentri tat-trasport li joffru vvjaġġar lejn pajjiżi terzi biex iżidu d-dettalji rilevanti mal-materjal ta' informazzjoni disponibbli għall-klijenti. | (19) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu ***l-miżuri li jqisu*** xierqa biex jikkontribwixxu aktar għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi ***tal-persuni*** b'diżabilità. Dan jista' jinkludi, pereżempju, ir-riproduzzjoni tal-formulazzjoni tal-Artikolu 23 TFUE fil-passaporti maħruġa mill-Istati Membri kif diġà rrakkomandat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C (2007) 5841[3], inkluż informazzjoni rilevanti f'pariri dwar l-ivvjaġġar u kampanji relatati mal-assistenza konsulari, jew l-inkoraġġiment lill-fornituri tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u liċ-ċentri tat-trasport li joffru vvjaġġar lejn pajjiżi terzi biex iżidu d-dettalji rilevanti mal-materjal ta' informazzjoni disponibbli għall-klijenti. |
| [3] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-riproduzzjoni tat-test tal-Artikolu 20 TKE fil-passaporti (ĠU L 118, 6.5.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2008/355/oj). | [3] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-riproduzzjoni tat-test tal-Artikolu 20 TKE fil-passaporti (ĠU L 118, 6.5.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2008/355/oj). |
| | Or. fi |

**Emenda 50**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom skont il-liġi lokali, l-ambaxxati tal-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjanijiet ta' kontinġenza għall-persunal lokali u l-familji tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Fejn possibbli d-Delegazzjoni tal-UE, preżenti f'dak il-pajjiż partikolari, jenħtieġ li tikkoordina dawn il-kompiti.*** |

**Emenda 51**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Id-dispożizzjonijiet finanzjarji tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu adattati biex jissimplifikaw ir-rimborżi u jkomplu jiżguraw il-kondiviżjoni tal-piżijiet finanzjarji. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini mhux rappreżentati jirrimborżaw direttament lill-Istat Membru li jassisti għall-kost tal-protezzjoni konsulari, bl-istess kundizzjonijiet bħan-nazzjonali tal-Istat Membru li jassisti, biex jiġi evitat il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tiftix ta' rimborżi mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jirrinunzjaw it-talb tal-ħlas ta' dawn il-kostijiet. Billi, f'ċerti sitwazzjonijiet, iċ-ċittadini mhux rappreżentati jistgħu ma jkunux kapaċi jħallsu meta jagħmlu t-talba għall-għajnuna, b'mod partikolari meta l-flus u l-mezzi tagħhom għall-aċċess għall-fondi jkunu nsterqu, huwa meħtieġ li jiġi previst li dawn jistgħu jintalbu jiffirmaw impenn ta' ħlas lura mill-awtoritajiet konsulari tal-Istat Membru li jassisti. Jenħtieġ li l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli tal-protezzjoni konsulari matul il-konsultazzjonijiet li jseħħu qabel ma tingħata l-assistenza, sakemm dan ma jkunx possibbli minħabba sitwazzjoni ta' kriżi li tkun għaddejja. | (20) Id-dispożizzjonijiet finanzjarji tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu adattati biex jissimplifikaw ir-rimborżi***, jippromwovu il-kosteffettività*** u jkomplu jiżguraw il-kondiviżjoni tal-piżijiet finanzjarji. ***Jenħtieġ li l-bidliet jiġu implimentati b'tali mod li ma jżidux il-piż amministrattiv fuq id-delegazzjonijiet*** B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini mhux rappreżentati jirrimborżaw direttament lill-Istat Membru li jassisti għall-kost tal-protezzjoni konsulari, bl-istess kundizzjonijiet bħan-nazzjonali tal-Istat Membru li jassisti, biex jiġi evitat il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-tiftix ta' rimborżi mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jirrinunzjaw it-talb tal-ħlas ta' dawn il-kostijiet. Billi, f'ċerti sitwazzjonijiet, iċ-ċittadini mhux rappreżentati jistgħu ma jkunux kapaċi jħallsu meta jagħmlu t-talba għall-għajnuna, b'mod partikolari meta l-flus u l-mezzi tagħhom għall-aċċess għall-fondi jkunu nsterqu, huwa meħtieġ li jiġi previst li dawn jistgħu jintalbu jiffirmaw impenn ta' ħlas lura mill-awtoritajiet konsulari tal-Istat Membru li jassisti. Jenħtieġ li l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli tal-protezzjoni konsulari matul il-konsultazzjonijiet li jseħħu qabel ma tingħata l-assistenza, sakemm dan ma jkunx possibbli minħabba sitwazzjoni ta' kriżi li tkun għaddejja. |

Or. fi

**Emenda 52**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) F'każijiet meta l-kostijiet ma jkunux tħallsu lura miċ-ċittadin direttament meta jkun għamel it-talba, l-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun intitolat li jitlob ir-rimborż tal-kostijiet dovuti mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat abbażi ta' impenn iffirmat li jħallas lura. Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b'talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jagħmlu t-talba u jirrimborżaw il-kostijiet malajr kemm jista' jkun. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu dwar arranġamenti oħra ta' rimborż, pereżempju biex jikkumpensaw għal talbiet għal rimborż li jikkompetu ma' xulxin, skedi alternattivi ta' rimborż jew li l-Istat Membru li jassisti ser ifittex rimborż direttament miċ-ċittadin fi stadju aktar tard, inkluż dwar kif iċ-ċittadin ikkonċernat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli, fejn xieraq. Fejn possibbli, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi qabel ma tingħata l-assistenza. | (21) F’każijiet meta l-kostijiet ma jkunux tħallsu lura miċ-ċittadin direttament meta jkun għamel it-talba, l-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun intitolat li jitlob ir-rimborż tal-kostijiet dovuti mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat abbażi ta’ impenn iffirmat li jħallas lura. Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b’talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jagħmlu t-talba u jirrimborżaw il-kostijiet malajr kemm jista’ jkun. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu dwar arranġamenti oħra ta’ rimborż, pereżempju biex jikkumpensaw għal talbiet għal rimborż li jikkompetu ma’ xulxin, skedi alternattivi ta’ rimborż jew li l-Istat Membru li jassisti ser ifittex rimborż direttament miċ-ċittadin fi stadju aktar tard, inkluż dwar kif iċ-ċittadin ikkonċernat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli, fejn xieraq. Fejn possibbli, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi qabel ma tingħata l-assistenza. ***Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, kostijiet għoljin aktar mis-soltu jenħtieġ li jfissru kostijiet li jaqbżu livelli ta’ nfiq ġustifikati u dokumentati b’mod oġġettiv stabbiliti f’konformità mal-miżuri ta’ implimentazzjoni jew il-proċeduri miftiehma.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda żżid iċ-ċertezza legali u tiżgura applikazzjoni aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha.*

**Emenda 53**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) F'każijiet meta l-kostijiet ma jkunux tħallsu lura miċ-ċittadin direttament meta jkun għamel it-talba, l-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun intitolat li jitlob ir-rimborż tal-kostijiet dovuti mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat abbażi ta' impenn iffirmat li jħallas lura. Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b'talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jagħmlu t-talba u jirrimborżaw il-kostijiet malajr kemm jista' jkun. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu dwar arranġamenti oħra ta' rimborż, pereżempju biex jikkumpensaw għal talbiet għal rimborż li jikkompetu ma' xulxin, skedi alternattivi ta' rimborż jew li l-Istat Membru li jassisti ser ifittex rimborż direttament miċ-ċittadin fi stadju aktar tard, inkluż dwar kif iċ-ċittadin ikkonċernat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli, fejn xieraq. Fejn possibbli, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi qabel ma tingħata l-assistenza. | (21) F’każijiet meta l-kostijiet ma jkunux tħallsu lura miċ-ċittadin direttament meta jkun għamel it-talba, l-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun intitolat li jitlob ir-rimborż tal-kostijiet dovuti mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat abbażi ta’ impenn iffirmat li jħallas lura. Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b’talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż***. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaqblu bejniethom dwar il-limiti ta’ żmien***. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jagħmlu t-talba u jirrimborżaw il-kostijiet malajr kemm jista’ jkun. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu dwar arranġamenti oħra ta’ rimborż, pereżempju biex jikkumpensaw għal talbiet għal rimborż li jikkompetu ma’ xulxin, skedi alternattivi ta’ rimborż jew li l-Istat Membru li jassisti ser ifittex rimborż direttament miċ-ċittadin fi stadju aktar tard, inkluż dwar kif iċ-ċittadin ikkonċernat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli, fejn xieraq. Fejn possibbli, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi qabel ma tingħata l-assistenza. |

Or. fi

**Emenda 54**
**Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) ***F'każijiet meta l-kostijiet ma jkunux tħallsu lura miċ-ċittadin direttament meta jkun għamel it-talba, l-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun intitolat li jitlob ir-rimborż tal-kostijiet dovuti mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat abbażi ta' impenn iffirmat li jħallas lura.*** Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b'talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jagħmlu t-talba u jirrimborżaw il-kostijiet malajr kemm jista' jkun. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu dwar arranġamenti oħra ta' rimborż, pereżempju biex jikkumpensaw għal talbiet għal rimborż li jikkompetu ma' xulxin, skedi alternattivi ta' rimborż jew li l-Istat Membru li jassisti ser ifittex rimborż direttament miċ-ċittadin fi stadju aktar tard, inkluż dwar kif iċ-ċittadin ikkonċernat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli, fejn xieraq. Fejn possibbli, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi qabel ma tingħata l-assistenza. | (21) Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b'talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż***. Sabiex jittaffa l-piż finanzjarju u amministrattiv fuq l-Istat Membru li jassisti, jenħtieġ li l-Istat Membru tan-nazzjonalità jirrimborża l-kostijiet fi żmien massimu ta' sitt xhur. Wara dan ir-rimborż, l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jassumi r-responsabbiltà unika għat-twettiq ta' kwalunkwe ġbir ta' dejn miċ-ċittadin tiegħu skont il-liġi nazzjonali***. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jagħmlu t-talba u jirrimborżaw il-kostijiet malajr kemm jista' jkun. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu dwar arranġamenti oħra ta' rimborż, pereżempju biex jikkumpensaw għal talbiet għal rimborż li jikkompetu ma' xulxin, skedi alternattivi ta' rimborż jew li l-Istat Membru li jassisti ser ifittex rimborż direttament miċ-ċittadin fi stadju aktar tard, inkluż dwar kif iċ-ċittadin ikkonċernat jiġi infurmat dwar il-kostijiet possibbli, fejn xieraq. Fejn possibbli, dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi qabel ma tingħata l-assistenza. |

Or. en

**Emenda 55**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrimborżaw lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ tagħhom fl-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati biex jiżguraw li dan l-appoġġ jiġi pprovdut fuq bażi newtrali fir-rigward tar-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 5(10) tad-Deċiżjoni 2010/427/UE. Jenħtieġ li l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jirrimborża l-kostijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-appoġġ fl-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati f'perjodu ta' żmien raġonevoli li ma jaqbiżx it-12-il xahar mid-data tat-talba, sakemm ma jaqbilx mas-SEAE dwar arranġament ieħor ta' rimborż. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jenħtieġ li jkun intitolat li jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat iħallas lura dawn il-kostijiet. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-appoġġ ipprovdut mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni mhuwiex mistenni jiġġenera xi kostijiet rimborżabbli għajr kostijiet diretti komparabbli ma' dawk normalment imġarrba mill-Istati Membri li jassistu. | (22) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrimborżaw lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ tagħhom fl-għoti ta’ protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati biex jiżguraw li dan l-appoġġ jiġi pprovdut fuq bażi newtrali fir-rigward tar-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 5(10) tad-Deċiżjoni 2010/427/UE. Jenħtieġ li l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jirrimborża l-kostijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-appoġġ fl-għoti ta’ protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati f’perjodu ta’ żmien raġonevoli li ma jaqbiżx it-12-il xahar mid-data tat-talba, sakemm ma jaqbilx mas-SEAE dwar arranġament ieħor ta’ rimborż. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jenħtieġ li jkun intitolat li jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat iħallas lura dawn il-kostijiet. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-appoġġ ipprovdut mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni mhuwiex mistenni jiġġenera xi kostijiet rimborżabbli għajr kostijiet diretti komparabbli ma’ dawk normalment imġarrba mill-Istati Membri li jassistu. ***Il-kostijiet diretti, meħtieġa, dokumentati u verifikabbli direttament attribwibbli għall-appoġġ ipprovdut skont din id-Direttiva jenħtieġ li jkunu biss eliġibbli għar-rimborż.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda ssaħħaħ it-trasparenza, l-obbligu ta’ rendikont u l-ġestjoni finanzjarja tajba.*

**Emenda 56**
**Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|

***(24a) Filwaqt li l-Istati Membri huma liberi, fl-eżerċizzju tal-kompetenza sovrana tagħhom, li jipprovdu assistenza lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew l-evakwazzjoni tagħhom, inklużi membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni jew nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru, il-kostijiet, l-obbligi u l-pożizzjonijiet ta' koordinazzjoni assoċjati ma' tali assistenza jenħtieġ li ma jaqgħux taħt il-mekkaniżmi obbligatorji ta' rimborż u koordinazzjoni ta' din id-Direttiva.***

Or. en

**Emenda 57**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24a**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (24a) Il-proċeduri simplifikati għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal sitwazzjonijiet fejn delegazzjoni tal-Unjoni tkun ġarrbet kostijiet relatati mal-appoġġ fl-għoti ta' protezzjoni konsulari. | (24a) Il-proċeduri simplifikati għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jenħtieġ li japplikaw ukoll għal sitwazzjonijiet fejn delegazzjoni tal-Unjoni tkun ġarrbet kostijiet relatati mal-appoġġ fl-għoti ta' protezzjoni konsulari. ***Il-Kummissjoni u s-SEAE jenħtieġ li jipprovdu lill-Istati Membri b'informazzjoni u dokumentazzjoni ta' sostenn suffiċjenti biex jivverifikaw in-natura u l-ammont tan-nefqa rimborżabbli.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tippermetti sorveljanza finanzjarja effettiva mill-Istati Membri.*

**Emenda 58**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Meta l-għoti ta' protezzjoni konsulari jkun jeħtieġ it-trasferiment ta' data personali taċ-ċittadini tal-Unjoni lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti, li jkunu qegħdin jikkollaboraw fil-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet, dawn it-trasferimenti jenħtieġ li jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725. | (30) Meta l-għoti ta’ protezzjoni konsulari jkun jeħtieġ it-trasferiment ta’ data personali taċ-ċittadini tal-Unjoni lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti, li jkunu qegħdin jikkollaboraw fil-miżuri ta’ rispons għall-kriżijiet, dawn it-trasferimenti jenħtieġ li jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725***, b’mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni li l-pajjiż terz jipprovdi garanziji suffiċjenti ta’ protezzjoni u salvagwardji legali li jipproteġu biżżejjed id-dritt għall-privatezza u drittijiet fundamentali oħra***. |

Or. en

**Emenda 59**
**Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1a) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 6:*** |
| | ***“2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta jivvaluta jekk ambaxxata jew konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin humiex effettivament f’pożizzjoni li jipprovdu protezzjoni konsulari f’każ partikolari, l-Istat Membru li jassisti għandu jqis, fost l-oħrajn, l-aċċessibbiltà u l-prossimità ta’ dik l-ambaxxata jew ta’ dak il-konsulat għaċ-ċittadin ikkonċernat, jekk iċ-ċittadin jistax jilħaq b’mod sikur, jew jintlaħaq minn, dik l-ambaxxata jew dak il-konsulat f’perjodu ta’ żmien raġonevoli, l-urġenza u n-natura tal-assistenza mitluba, u jekk ir-ridirezzjonar taċ-ċittadin lejn dik l-ambaxxata jew dak*** |

***il-konsulat iddewwimx sostanzjalment jew jikkompromettix b'xi mod ieħor l-għoti ta' protezzjoni konsulari.".***

***Fl-Artikolu 6, it-test eżistenti għandu jiġi dežinjat bħala l-paragrafu 1.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The amendment aims to provide greater legal certainty regarding the interpretation of the notion "effectively in a position to provide consular protection" in Article 6. It does not introduce new rights or obligations but reflects criteria already referred to in the recital (8) of the Directive, notably accessibility, proximity, safety and the ability of the citizen to receive assistance within a reasonable period of time. The amendment seeks to promote a more consistent application of the Directive across Member States while preserving the necessary flexibility to assess the circumstances of each individual case.*

**Emenda 60**
**Marina Kaljurand, Matjaž Nemec, Birgit Sippel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ir-refuġjati rikonoxxuti u persuni oħra li jirrisjedu b'mod legali fi Stat Membru u li huma detenturi ta' dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn dak l-Istat Membru, għandhom ikunu intitolati għall-protezzjoni konsulari taħt l-istess kundizzjonijiet taċ-ċittadini mhux rappreżentati, jekk l-Istat Membru ta' residenza ma jkunx rappreżentat minn awtorità diplomatika jew konsulari.*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Marina Kaljurand, Matjaž Nemec, Birgit Sippel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Meta jipprovdu protezzjoni konsulari lil ċittadini mhux rappreżentati, l-Istati Membri għandhom iqisu approċċ intersezzjonali għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi vulnerabbli u individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta u l-ġurisprudenza.*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 7 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Meta jipprovdu protezzjoni konsulari lil ċittadini mhux rappreżentati, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi vulnerabbli u individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni intersezzjonali abbażi tal-Artikolu 21 tal-Karta u l-ġurisprudenza.*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 4

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(1a) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "ċittadin mhux rappreżentat" għandha tfisser kull ċittadin li għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru jew li jirrisjedi legalment fi Stat Membru u li huwa detentur ta' dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn dak l-Istat Membru li mhuwiex rappreżentat f'pajjiż terz kif stabbilit fl-Artikolu 6.*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 12 – paragrafu 12

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor*** mill-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri***, il-President għandu jkun rappreżentant tad-delegazzjoni tal-Unjoni, fejn jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni, fejn ikun rappreżentat***. Meta ma tkun preżenti l-ebda delegazzjoni tal-Unjoni, il-laqgħat għandhom ikunu ppreseduti minn rappreżentant ta' Stat Membru. | 2. ***Il-laqgħat għandhom ikunu ppreseduti minn rappreżentant ta' Stat Membru. Rappreżentant tad-delegazzjoni tal-Unjoni jista' jaġixxi bħala President biss jekk ikun espliċitament mitlub u maqbul*** mill-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri ***preżenti***. Meta ma tkun preżenti l-ebda delegazzjoni tal-Unjoni***, jew fin-nuqqas ta' tali ftehim milħuq***, il-laqgħat għandhom ikunu ppreseduti minn rappreżentant ta' Stat Membru. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-protezzjoni konsulari hija kompetenza kondiviża fejn l-Unjoni għandha rwol ta' appoġġ (kif definit fl-Artikolu 5(10) tad-Deċiżjoni 2010/427/UE, flimkien mal-Artikolu 35 tat-TUE). Il-fatt li d-delegazzjoni tal-UE tkun il-President prestabbilit jimmina s-sovranità u l-kmand operazzjonali tal-Istati Membri. It-tmexxija prestabbilita trid tibqa' f'idejn l-Istati Membri, bid-delegazzjonijiet tal-UE jintervjenu biss fuq bażi ta' "inklużjoni fakultattiva" jekk l-Istati Membri jitolbu dan.*

**Emenda 65**

**Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali msemmija fl-Artikolu 12 ***u sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni meħtieġa taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati***, l-Istati Membri***, appoġġati, fejn rilevanti, mis-SEAE,*** għandhom jistabbilixxu ***oqfsa*** ta' kontinġenza konsulari konġunti. | 1. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali msemmija fl-Artikolu 12, l-Istati Membri ***u s-SEAE*** għandhom jistabbilixxu ***u jaqblu dwar pjan ta' kontinġenza konsulari konġunt għal kull pajjiż terz. Il-pjan ta' kontinġenza konsulari konġunt għandu jiġi aġġornat meta jitqies strettament meħtieġ mill-Istati Membri preżenti, jew mill-inqas kull tliet snin. Dawn il-pjanijiet*** ta' kontinġenza konsulari konġunti ***għandhom ikunu supplimentari għall-pjanijiet nazzjonali ta' kriżi u ta' evakwazzjoni tal-Istati Membri, u ma għandhomx jissostitwixxuhom jew jinterferixxu magħhom***. |

Or. en

**Emenda 66**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn ikunu preżenti u meta jkun meħtieġ li tiġi ffaċilitata l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti, abbażi ta' kontributi magħmula mill-ambaxxati jew mill-konsulati tal-Istati Membri rrappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat u l-awtoritajiet | Fejn ikunu preżenti u meta jkun meħtieġ li tiġi ffaċilitata l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti, abbażi ta' kontributi magħmula mill-ambaxxati jew mill-konsulati tal-Istati Membri rrappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat u l-awtoritajiet |

| | |
|---|---|
| konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati. L-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, ***għas-SEAE*** u għas-servizzi tal-Kummissjoni. | konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati. L-oqfsa ta’ kontinġenza konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, ***għall-Parlament Ewropew,*** u għas-servizzi tal-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 67**
**Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn ikunu preżenti u meta jkun meħtieġ li tiġi ffaċilitata l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti, abbażi ta' kontributi magħmula mill-ambaxxati jew mill-konsulati tal-Istati Membri rrappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat u l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati. L-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, għas-SEAE u għas-servizzi tal-Kummissjoni. | Fejn ikunu preżenti u meta jkun meħtieġ li tiġi ffaċilitata l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoordinaw l-istabbiliment u l-aġġornament ta’ oqfsa ta’ kontinġenza konsulari konġunti, abbażi ta’ kontributi magħmula mill-ambaxxati jew mill-konsulati tal-Istati Membri rrappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat u l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati. L-oqfsa ta’ kontinġenza konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, ***għall-Parlament,*** għas-SEAE u għas-servizzi tal-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 68**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***5a. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom skont il-liġi lokali, l-ambaxxati tal-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu pjanijiet ta' kontinġenza għall-persunal lokali u l-familji tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Fejn possibbli d-Delegazzjoni tal-UE, preżenti f'dak il-pajjiż partikolari, għandha tikkoordina dawn il-kompiti.*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13a

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. F'każ ta' kriżi, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw assistenza effiċjenti għaċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati. ***Fejn possibbli,*** għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli f'ħin opportun. | 1. F'każ ta' kriżi, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw assistenza effiċjenti għaċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati. Għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli f'ħin opportun. |

Or. en

**Emenda 70**
**Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Jekk jintalbu dan, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni u lir- | Jekk jintalbu dan***, iżda mhux aktar minn darba fis-sena***, l-Istati Membri għandhom |

| | |
|---|---|
| Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà l-informazzjoni li ġejja: | jagħtu lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà l-informazzjoni li ġejja: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi evitata “espansjoni tal-mandat” u l-Istati Membri jiġu protetti minn talbiet amministrattivi ad hoc u frekwenti żżejjed mill-Kummissjoni jew mis-SEAE, ir-rekwiżit ta’ rapportar irid jiġi limitat. B’forniment ta’ aġġornamenti tan-network darba fis-sena jintlaħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn il-prontezza operazzjonali u t-tnaqqis tal-piż burokratiku fuq il-Ministeri nazzjonali tal-Affarijiet Barranin.*

**Emenda 71**
**Marina Kaljurand, Matjaž Nemec, Birgit Sippel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE**.** | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE***, b’mod partikolari billi:*** |
| | ***a) jinkludu l-informazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni konsulari fil-pariri dwar l-ivvjaġġar u fil-kampanji relatati mal-protezzjoni konsulari;*** |
| | ***b) jikkooperaw f’kampanji ta’ informazzjoni ma’ fornituri ta’ servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u ċentri tat-trasport li joffru vjaġġar lejn pajjiżi terzi;*** |
| | ***c) jiżviluppaw pjattaformi diġitali, inklużi applikazzjonijiet mobbli, li permezz tagħhom iċ-ċittadini tal-UE jkollhom aċċess rapidu u faċli għall-informazzjoni dwar il-protezzjoni konsulari u għall-kanali ta’ kuntatt fi kwalunkwe ħin;*** |
| | ***d) jiżviluppaw sistemi ta’ notifika awtomatika, bħal sistemi ta’ messaġġi*** |

***qosra permezz ta' networks tat-telefown, biex jipprovdu liċ-ċittadini kollha tal-UE b'informazzjoni kuntestwalizzata dwar id-drittijiet tagħhom u kif jeżerċitawhom mal-wasla f'pajjiż terz, kif ukoll messaġġi ta' twissija f'ħin reali u rakkomandazzjonijiet f'każ ta' kriżi.***

***Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jirriproduċu l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23, TFUE, fuq il-passaporti nazzjonali.***

Or. en

**Emenda 72**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 14 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru li jassisti jista', abbażi ta' impenn iffirmat ta' ħlas lura u fi żmien 12-il xahar mid-data tal-iffirmar tiegħu, jitlob il-ħlas tal-kostijiet mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat. | L-Istat Membru li jassisti jista', abbażi ta' impenn iffirmat ta' ħlas lura u fi żmien 12-il xahar mid-data tal-iffirmar tiegħu, jitlob il-ħlas tal-kostijiet mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat***, sakemm l-Istati Membri ma jkunux ftehmu fuq arranġament diverġenti għall-perjodu ta' 12-il xahar***. |

Or. fi

**Emenda 73**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 14 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat għandu, abbażi | L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat għandu, abbażi |

| | |
|---|---|
| tal-impenn iffirmat ta' ħlas lura, jirrimborża dawk il-kostijiet f'perjodu raġonevoli li ma jaqbiżx 12-il xahar mid-data tat-talba għall-ħlas lura. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jista', f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat iħallas lura dawn il-kostijiet. L-Istat Membru tan-nazzjonalità u l-Istat Membru li jassisti jistgħu jaqblu wkoll dwar arranġamenti alternattivi għar-rimborż tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1. | tal-impenn iffirmat ta' ħlas lura, jirrimborża dawk il-kostijiet f'perjodu raġonevoli li ma jaqbiżx 12-il xahar mid-data tat-talba għall-ħlas lura***, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-Istati Membri***. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jista', f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat iħallas lura dawn il-kostijiet. L-Istat Membru tan-nazzjonalità u l-Istat Membru li jassisti jistgħu jaqblu wkoll dwar arranġamenti alternattivi għar-rimborż tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1. |
| | Or. fi |

**Emenda 74**
**Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat għandu, abbażi tal-impenn iffirmat ta' ħlas lura, jirrimborża dawk il-kostijiet f'perjodu raġonevoli li ma jaqbiżx ***12-il xahar*** mid-data tat-talba għall-ħlas lura. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jista', f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat iħallas lura dawn il-kostijiet***. L-Istat Membru tan-nazzjonalità u l-Istat Membru li jassisti jistgħu jaqblu wkoll dwar arranġamenti alternattivi għar-rimborż tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1***. | L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat għandu, abbażi tal-impenn iffirmat ta' ħlas lura, jirrimborża dawk il-kostijiet f'perjodu raġonevoli li ma jaqbiżx ***6 xhur*** mid-data tat-talba għall-ħlas lura. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jista', f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat iħallas lura dawn il-kostijiet***, u għandu jassumi r-responsabbiltà unika għal kwalunkwe ġbir sussegwenti ta' dejn miċ-ċittadin tiegħu***. |
| | Or. en |

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' stennija ta' 12-il xahar iġiegħel lill-Istat Membru li jassisti jġorr il-piż finanzjarju ta' ċittadin ta' Stat ieħor għal sena sħiħa. Dan jaġixxi bħala deterrent serju għall-għoti ta' protezzjoni konsulari. It-tnaqqis tal-perjodu massimu ta' rimborż għal 6 xhur jiżgura ġustizzja għall-Istat li jassisti. Barra minn hekk, dan ipoġġi b'mod espliċitu l-piż tal-ġbir tad-dejn kompletament fuq l-Istat ta' oriġini taċ-ċittadin, filwaqt li jipproteġi lill-Istat Membru li jassisti minn tilwim amministrattiv persistenti.*

**Emenda 75**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 14 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-protezzjoni konsulari mogħtija lil ċittadin mhux rappreżentat fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, il-punti (a) sa (c), tinvolvi kostijiet għoljin b'mod mhux tas-soltu iżda essenzjali u ġustifikati relatati mal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni jew it-traduzzjoni għall-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari, l-Istat Membru li jassisti għandu, fil-kuntest tal-konsultazzjoni prevista fl-Artikolu 10(2), jinforma lill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat dwar dawn il-kostijiet possibbli u jista', fi żmien 12-il xahar mill-assistenza pprovduta, jitlob ir-rimborż tagħhom direttament mill-Istat Membru tan-nazzjonalità. | Meta l-protezzjoni konsulari mogħtija lil ċittadin mhux rappreżentat fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, il-punti (a) sa (c), tinvolvi kostijiet għoljin b'mod mhux tas-soltu iżda essenzjali u ġustifikati relatati mal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni jew it-traduzzjoni għall-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari, l-Istat Membru li jassisti għandu, fil-kuntest tal-konsultazzjoni prevista fl-Artikolu 10(2), jinforma lill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat dwar dawn il-kostijiet possibbli u jista', fi żmien 12-il xahar mill-assistenza pprovduta, jitlob ir-rimborż tagħhom direttament mill-Istat Membru tan-nazzjonalità***, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-Istati Membri***. |

Or. fi

**Emenda 76**
**Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-proċeduri ffaċilitati ta' rimborż finanzjarju stabbiliti minn din id-Direttiva, inklużi dawk għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, għandhom japplikaw eskluživament għall-protezzjoni konsulari ta' ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati li għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru. L-Istat Membru li jassisti ma għandux ikun intitolat li jitlob rimborż minn Stat Membru ieħor jew mill-baġit tal-Unjoni skont din id-Direttiva għall-assistenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jew għall-evakwazzjoni tagħhom, inklużi dawk li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru jew membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li ma għandhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi evitata l-espansjoni tal-mekkaniżmi finanzjarji u ta' koordinazzjoni tal-Unjoni lil hinn mill-bażi tat-Trattat tagħhom (l-Artikolu 20(2)(c) u l-Artikolu 23 tat-TFUE), id-Direttiva trid tiċċara b'mod espliċitu li l-mekkaniżmi ta' rimborż b'mandat tal-UE japplikaw biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jassistu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi (bħal residenti jew membri tal-familja) jew li jevakwawhom bħala kwistjoni ta' politika nazzjonali jew ftehim bilaterali, il-kostijiet u l-piżijiet ta' koordinazzjoni għal ċittadini mhux tal-Unjoni jridu jibqgħu strettament barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

**Emenda 77**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 16a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kunsill* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***ma għandhomx*** jittrasferixxu data | Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***jistgħu*** jittrasferixxu data personali lil |

| | |
|---|---|
| personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali ***għajr*** biex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679. | pajjiż terz***, dment li dan joffri garanziji ta' protezzjoni u salvagwardji legali suffiċjenti li jipproteġu biżżejjed id-dritt għall-privatezza u drittijiet fundamentali oħra,*** jew lil organizzazzjoni internazzjonali ***biss*** biex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679. |
| | Or. en |